**IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-24 ta' Ġunju 2021**

Appell numru 92/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nicholas MULIET**

Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet in segwitu għat-talba tal-appellant MULIET fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Frar 2021 sabiex il-Qorti tal-Appell tiġi konvertita f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-talba kienet diġa hekk magħmula mill-imputat appellant permezz ta' rikors ippreżentat fl-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi nhar it-22 ta' Ġunju 2017 u għalhekk fi stadju meta l-proċeduri kienu għadhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. F'dak l-istadju pero' il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet iddeċidiet li ma kienx għad hemm rekwiżiti

biżżejjed sabiex tiġi meqjusa t-talba magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat li permezz ta’ sentenza deċiża nhar il-11 ta’ Marzu 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq ammissjoni tal-imputat appellant, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief għat-tieni imputazzjoni stante li din kienet meqjusa bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għal piena ta’ disa’ xhur priġunerija effettivi, u ċjoe’ talli nhar it-3 ta’ Lulju 2014 għall-ħabta tas-2:00 ta’ filgħodu ġewwa Paceville, San Ġiljan:

i) ikkometta serq ta’ handbag li kien jikkontjeni diversi oġġetti fosthom mobile phone u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-ammonta ta’ Ewro 2329.37 għad-detriment ta’ Svetlana Briffa u/jew ta’ persuna/i oħra;
ii) u aktar talli laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement, b’kull mod indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
iii) ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation mogħtija nhar l-20 ta’ Marzu 2012;
iv) ikkometta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation mogħtija nhar it-23 ta’ Mejju 2012 u
v) ikkometta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation mogħti nhar l-20 ta’ Mejju 2014.

3. Rat li Nicholas MULIET appella minn din is-sentenza permezz ta’ rikors datat 26 ta’ Marzu 2019 fejn talab lil Qorti tal-Appell Kriminali sabiex filwaqt li tikkonferma is-sentenza f’dik il-parti tagħha fejn ħelsitu mit-tieni akkuża, tirriforma s-sentenza appellata f’dik il-parti

konċernanti piena fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu ħlief għat-tieni akkuża u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu nflitta għal piena aktar mita u idoneja.

4. Rat li fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Frar, 2021 din il-Qorti ddifferiet il-kawża għat-18 ta' Frar 2021 b'dan li l-Avukat Ġenerali ngħata żmien ta' ġimagħtejn sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu fir-rigward tat-talba magħmula mid-Difiża ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari sabiex fir-risposta tiegħu jindika jekk jeżistux ostakoli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tal-imsemmi Att.

5. Rat li permezz tar-risposta tiegħu ppreżentata nhar il-15 ta' Frar 2021, l-Avukat Ġenerali tenna kif fil-fehma tiegħu ma kien jeżisti l-ebda impediment legali ai termini tal-Artikoli 8(1) u (2)(a)(b) tal-Kapitolu 537 u ra li lanqas ma kienet tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 13 tal-imsemmija Att.

6. Rat li fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Frar 2018, din il-Qorti iddifferiet il-kawża għar-4 ta' Mejju 2021 bl-iskop li dakinhar l-appellant iressaq ix-xhieda kollha b'rabta mat-talba tiegħu magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Semgħet lix-xhieda mressqa mill-appellant u ċjoe lil Nazzarenu magħruf bħala Ronnie Muliet, lil Alfred Zarb u lill-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia.

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

9. L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 jippreskrivi s-segwenti:

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward tal-kwantita' ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip ta' droga jew mill-purita ma taqbiżx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantita' ta' droga li tindika lill-persuna akkużata mgħandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

a) Li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hij mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
b) Ir-reat kontra xi liġi oħra li mhiex il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hija mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
c) Li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

10. F'dan il-każ il-mertu tal-kawża ma jittrattax xi ksur tal-Liġijiet dwar id-droga. Għaldaqstant l-applikabbilita' tal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 ma jiddependix mil-limiti preskritti taħt ir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, dak li jeħtieġ li jiġi stabbilit sabiex jiġu meqjusa sodisfatti l-kweżiti tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 huwa jekk il-piena massima li tippreskrivi l-Liġi għar-reati li tagħhom l-appellant instab

ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienetx taqbeż is-seba' snin priġunerija.

11. Issa, hekk kif intqal iktar 'il fuq, l-appellant ġie misjub ħati tal-ewwel imputazzjoni liema imputazzjoni tipotizza r-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-ħin u dan ai termini tal-Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikoli 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali jikkontemplaw il-piena massima ta' tliett snin priġunerija. Dan ifisser li r-rekwiżit ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) għal dawk ir-reati li ma jkunux jaqgħu taħt il-kappa ta' reati ta' droga, ġie ampjament sodisfatt hekk kif ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-appellant ma jaqbiżx is-seba' snin priġunerija. Fi kwalunkwe każ f'dan il-każ il-piena li ġiet inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra l-appellant kienet dik ta' disa' xhur priġunerija. Minn dik is-sentenza l-Avukat Ġenerali ma interpona ebda appell u b'hekk fi kwalunkwe każ dik hija l-piena massima li l-appellant jista' jeħel f'dan il-każ.

12. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju a) tas-subinċiż numru tnejn tal-Artikolu 8 tal-imsemmi Kapitolu, il-Leġislatur kien speċifiku li jirrikjedi rabta bejn il-kommissjoni tar-reat li l-akkużat ikun mixli bih u d-dipendenza ppruvata tiegħu fuq id-droga. Għaldaqstant l-oneru tal-prova hawnhekk huwa doppju fuq l-appellant: jeħtieġ li jipprova (i) dipendenza (serja) fuq id-droga u mhux sempliċement li kien jabbuża mid-droga darba kultant, l-hekk imsejjaħ casual user u (ii) li l-kommissjoni tar-reat akkużat bih kienet attribwibbli għal din id-dipendenza fuq id-droga. Huwa minnu wkoll li sabiex jiġi ppruvat dan il-kriterju, jeħtieġ li l-appellant jipprova li fiż-żmien tat-twettiq ta' dan

l-allegat reat, hu ma kienx mifdi minn tali vizzju għaliex allura f'dak il-każ l-element tar-rabta ma jkunx hekk jirriżulta.

13. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia ġiet mitluba sabiex in vista tal-ammissjoni tal-imputat għar-reati li ġie mixli bihom, tħejji pre-sentencing report sabiex tevalwa u tirraporta lura fuq il-kundizzjoni psiko-soċjali tiegħu. Fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2015, inħarġet Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni fil-konfront ta' MULIET hekk kif minn dak iż-żmien l-imsemmija Uffiċjal tal-Probation baqgħet issegwi lill-imputat appellant u tirraporta b'mod frekwenti fuq l-andament tiegħu. Fil-konklużjonijiet tagħha f'paġna 42 tal-atti proċesswali, l-Uffiċjal tal-Probation Farrugia qalet kif l-appellant ma kienx jammetti li kien ibgħati mill-vizzju tad-droga u dan allavolja numru ta' testijiet kienu jirriżultaw pożittiv għas-sustanzi illeċiti. Irriżulta pożittiv kemm għal kannabis kif ukoll għall-kokajina anki fl-aħħar testijiet tad-droga li sarulu qabel ma ngħatat is-sentenza finali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan skont ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation f'paġna 82 tal-atti proċesswali fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Mejju 2018. Irriżultalha wkoll li fil-passat kien jabbuża wkoll mid-droga kokajina u ecstasy. Għalhekk, jirriżulta ċar li MULIET kellu dipendenza akuta fuq id-droga.

14. Għalkemm ma tirriżultax kjarament prova diretta li dakinhar tat-3 ta' Lulju 2014, l-appellant kien afflitt mill-problema tad-droga b'mod tali li allura faċilment wieħed seta' jattribwixxi l-kummissjoni ta' dak ir-reat għal din id-dipendenza tal-appellant mid-droga, jeżistu numru ta' ċirkostanzi u fatti raportati minn min kien qiegħed isegwi lill-appellant, li jindikaw li tassew l-appellant ikkometta s-serqa in

kwistjoni sabiex imantni l-vizzju tiegħu tad-droga. Bħala prova li tal-inqas f'Settembru tas-sena 2014 u ċjoe allura **xahrejn biss wara** s-serqa in kwistjoni, l-appellant kien afflitt minn dipendenza akuta fuq id-droga, din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation f'paġna 40 tal-atti proċesswali fejn din irraportat kif fis-**16 ta' Settembru 2014** huwa kien ġie riferut lis-sezzjoni tad-droga fi ħdan l-Aġenzija Sedqa mingħand l-Uffiċjal tal-Probation wara numru ta' testijiet li kienu rriżultaw fil-pożittiv għal sustanzi illeċiti. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-imsemmija Uffiċjal tal-Probation li l-appellant kellu biss impjieg wieħed regolarizzat li ma tantx dam fih u mbagħad kellu serje ta' impjiegi oħra ebda minnhom regolarizzat li kien idum ftit ħafna fihom.

15. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li, dato n-natura akuta tad-dipendenza tal-appellant fuq id-droga liema vizzju jirrikjedi ħafna flus sabiex jiġi mantenut, kif ukoll il-fatt li huwa ma kienx stabbli finanzjarjament, huwa alkwantu probabbli li s-serqa in kwistjoni kienet sostanzjalment attribwibbli għal din id-dipendenza tal-appellant fuq id-droga. Għalhekk, din il-Qorti tħoss li ġie sodisfaċentement ippruvat l-kriterju a) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju b) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal- Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti rat li r-reat ta' serq ai termini tal-Artikoli 261(c)(f) tal-Kodiċi Kriminali ma jammontax għal reat volontarju kontra l-persuna hekk kif huwa reat li jaqa' taħt it-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali. Id-delitt ta' serq jaqa' taħt it-titolu tad-delitti kontra l-proprjeta'. Fit-twettiq ta' dan ir-reat ma jirriżultax li

ntużaw xi armi jew nar jew splussiv. Għaldaqstant, dan il-kriterju wkoll ġie sodisfatt.

17. In kwantu għall-kriterju ċ), din il-Qorti tirrileva li llum il-ġurnata l-appellant jidher irrijabilita ruħu u m'għadux afflitt mill-problema tad-droga. Dwar dan il-punt xehedu Nazzarenu Muliet u Alfred Zarb bħala persuni li jafu lill-appellant kemm f'mumenti fejn kien għaddej minn perjodu diffiċli fil-passat minħabba d-dipendenza tiegħu fuq id-droga kif ukoll illum il-ġurnata. F'paġna 148 tax-xhieda tiegħu Nazzareno Muliet jgħid hekk:

> Qorti: Mhux għar-rispett qed nistaqsik. L-imġieba tiegħu, jiġifieri la darba rispett dejjem kien, jekk kien hemm xi ħaġa li riedet tinbidel kienet xi ħaġa oħra, x'rajt illi nbidel?
> Xhud: There was a period li kien qisu he lost his way naħseb il-kelma l-propja.
> Qorti: U dana bejn wieħed u ieħor milli tiftakar f'liema żmien qed nitkelmu?
> Xhud: Four years ago? And then he came back għan-normalita'. He always, dejjem ħadem, dejjem dejjem ħadem.

F'paġna 149 tax-xhieda tiegħu huwa mbagħad jgħid hekk:

> Issa umbagħad ġara xi ħaġa li lilu tefgħetu naqra lura, but thank God hu rrealizza that that is not the way. Talab l-għajnuna lill-Caritas kif diġa' għidt and he did it with his own free will. Jiġifieri mhux jien jew il-mama' tiegħu, he did it himself. To be honest I am very proud of him. Biex bniedem jirrealizza li qiegħed ħażin u jrid jitnaddaf and make difference to himself, which is the most important.

18. Alfred Zarb imbagħad jgħid hekk f'paġna 151 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> Ehe. U għamel perjodu lanqas kont naf x'qed isir minnu. Umbagħad f'daqqa waħda, qisu minn meta bdejna l-pandemija, it-tifla tiegħi peress li kienet taħdem hemmhekk kienet qed tkun f'kuntatt miegħu u għidtilha ma' Nicky qed tkun f'kuntatt? Qaltli iva.../....U ġie l-ħanut. U kultant imn'Alla kien hu f'din il-pandemija għax kien iċempilli hu, kien jgħidli isma' għandek bżonn xi delivery u dan? Peress li jien magħluq u ma nistax niftaħ kien jagħmilli d-delivery. U nħoss li totalment inbidel.

19. Il-konferma tal-progress li għamel MULIET sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga tasal minn kliem l-Uffiċjal tal-Probation Joanna Farrugia fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Mejju 2021 fejn hija qalet hekk:

> Xhud: Tajjeb, anke kif xehedt il-urines kienu clean. Mill-ftit li nkellmu jiġifieri anka meta nkunu barra jidher li mmatura ħafna. Anka l-ħajja tiegħu qiegħed jistenna tarbija, qed jaħdem, jiġifieri jidher li speċi mmatura u qiegħed moħħu hemmhekk. Meta bdejt insegwih kull ma kien għad kellu dsatax -il sena jiġifieri kien għadu żgħir, kien għadu immatur, ċertu affarijiet ma kien jisma' minni, mill-professionals, kien aktar moħħu fi sħabu. Jiġifieri dak iż-żmien kien qisu moħħ ir-riħ, kien għadu żgħir. Issa jidher li speċi aktar stabbli.

20. Għalhekk, jirriżulta wkoll ippruvat il-kriterju ċ) tas-subinċiż tnejn tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu ġie ppruvat a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li MULIET ġie riabilitat mid-dipendenza fuq id-droga u għamel progress u sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-appellant MULIET biex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u qiegħda għalhekk tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna l-komunika ta' dan id-digriet lill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**